**11 ta' Marzu, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Carmelo Sapiano

*versus*

Dolores sive Doris Abela et.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Alimenti — Manteniment u Lbies tat-Tfal — Art. 26 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-komunjoni tal-akkwisti hija tenuta għad-debiti mobiljari li kull wieħed mill-konjuġi jkollu qabel iż-żwieġ; salv fil-likwidazzjoni bejniethom regolament skond il-liġi.*

*Sakemm it-tfal jibqgħu fil-ħodon tal-familja, anki jekk ikunu saru maġġorenni, u ma jkunux jaħdmu, u l-missier jgħoġbu*

*jmantnihom fis-sens legali, "stricto jure" kwalunkwe haġa li hu jagħtihom taħt dan ir-rigward ma tistax tintradd lura, ammenokkè, fil-każ ta' tfal maġġjorenni, ma jsirx xi patt kuntrarju. Jekk mbgħad it-tfal ma jkunux irraġġunġew l-età maġġjuri, dan il-manteniment mil-missier hu obligu imprexxindibbli tiegħu, u mhux liberalità.*

*Jekk it-tfal maġġjorenni jkunu jaħdmu għal rashom, imma jkunu jabitaw fid-dar paterna, u l-missier jibqa' jmantnihom minn flusu bla ebda patt, dawk l-alimenti jsiru vera u proprja liberalità magħmula mill-missier u aċċettata minn dawk it-tfal, u l-istess ma jistgħux jintraddu lura fin-nuqqas ta' patt kuntrarju.*

*Għaldaqstant, jekk xebba toħroġ minn dar missierha u tieħu magħha xi oġġetti minn dik id-dar, hija mhix obligata trodd lill-missierha dawk l-oġġetti li meta kienet id-dar inxtraw għaliha, u li jidħlu taħt il-kelma "manteniment" fis-sens legali, bħal ma huma lbiesi mixtrija u meħjuta għad-daqs tagħha, u li hija biss kienet tuża fid-dar ta' missierha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenuta, li tiġi bint l-attur, qabel iż-żwieġ tagħha telqet mid-dar tal-attur u ħadet magħha l-oġġetti elenkati fid-dokument "A" hawn anness maċ-ċitazzjoni, kif ukoll dik is-somma ta' flus li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u billi issa tinsab miżżewġa lill-konvenut, għalhekk l-oġġetti elenkati fid-dokument "A" jinsabu wkoll fil-pussess tiegħu; talab li l-konvenuti (1) ikunu kundannati, jew min minnhom, li jikkonsenjaw lill-attur l-oġġetti elenkati fid-dokument "A" fuq imsemmi, proprjetà tal-attur, li l-konvenuta ħadet abużivament magħha meta telqet mid-dar tal-attur, fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti; (2) jiġu kundannati, jew min minnhom, li jħallsu lill-attur dik is-somma li tillikwida din il-Qorti, per mezz ta' perit minnha nominat, bħala valur tal-oġġetti msemmija, fil-każ li l-konvenuti, jew min minnhom, jonqsu li jagħmlu l-konsenja fit-terminu prefiss; (3) u l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati li jirrifondu lill-attur dik is-somma li tirriżulta li l-konvenuta ħadet abużivament

mill-flus tal-attur qabel telqet mid-dar tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-kawża jidher li l-fattijiet li taw lok għall-kawża huma sempliċi ħafna. Il-konvenuta, tifla maġġjorenni tal-attur, innamrat mal-konvenut l-ieħor. L-attur, li huwa appaltatur, deherlu li bintu ma kellhiex tieħu tifel ta' gabillott, u kien kuntrarju għal dak il-karteġġjament, li seta' kien inizju ta' rabta bi żwieġ, kif fil-fatt spiċċa li kien. Fil-fatt, ġurnata waħda l-konvenuta ħarġet mid-dar ad insaputa tal-ġenituri tagħha...... u bla ma qatt irritornat fid-dar paterna żżewġet minn hemm mal-konvenut l-ieħor. Meta l-konvenuta telqet mid-dar ta' missierha, ħadet l-oġġetti u ħwejjeġ imsemmija fid-dokument "A" (fol. 4 tal-proċess), salva l-esklużjoni tal-libsa...... L-instanti jippretendi wkoll li l-konvenuta ħaditlu mill-kexxun tal-flus somma ta' flus, li huwa qiegħed jitlob lura. Il-konvenuta tiċħad li hija ħadet xi flus mill-kexxun tal-flus imsemmi; u dwar il-ħwejjeġ u deheb tippretendi li l-istess ġew donati *lilha*......;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-fatti, mentri l-kwistjoni tar-ritorn tal-flus hija prettament u merament "quaestio facti", il-kontestazzjoni dwar ir-restituzzjoni tal-ħwejjeġ, in kwantu għal dawk ammessi li ħadet il-konvenuta, hija "quaestio juris", u in kwantu għar-ritorn tal-oġġett taħt in-numru 23 tad-dokument "A"...... hija qabel xejn kwistjoni ta' fatt, subordinata, f'każ ta' riżoluzzjoni affermattiva, għall-kwistjoni ta' dritt;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni legali sollevata. u li trid tiġi eżaminata u maqtugħa mill-Qorti, hija jekk il-fatt li missier, li skond il-liġi huwa obligat imantni lill-uliedu, meħuda l-kelma

"manteniment" fis-sens tal-art. 26 tal-Kodiċi Ċivili, meta jadempixxi dak l-istess obligu in kwantu għall-ilbies ta' wliedu, fil-fatt ikunx, bl-adempiment ta' dak l-obligu, qiegħed jagħmel donazzjoni jew liberalità ta' dak l-ilbies lit-tfal tiegħu, b'mod li jabdika irrevokabbilment għal dawk l-istess ħwejjeġ speċifiċi;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-fattijiet li fuqhom hija bażata u posta l-kwistjoni legali sollevata, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddirimi l-kwistjoni ta' fatt dwar ir-restituzzjoni tal-flus, li toħroġ mill-isfera tal-kwistjoni legali fuq imsemmija u hija xissa minnha......;

Illi fuq il-kwistjoni tar-restituzzjoni tal-flus, qabel xejn jingħad li l-prova li l-konvenuta approprjat ruħha minn dawk l-istess flus hija riversata fuq l-instanti, in forza tal-prinċipji probatorji "Affirmanti incumbit probatio" (De Regulis Juris), u "Semper necessitas probandi incumbit illi qui agit" (Marcellus, L. 21, dig, de probat. 22, 3); kif ukoll "Ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat" (Paulus, L. 2 Dig. de probat. 22, 3); dan l-aħħar prinċipju ribadit bl-aforisma l-ieħor "Negantis probatio nulla est" (L. 23. de probat, 4, 19);

Ikkunsidrat;

Illi l-attur, sabiex jirraġġungi l-prova li l-flus, li jgħid li naqsuh mill-kexxun, ħadithomlu l-konvenuta, ġieb il-quddiem biss provi ndiretti, indizjarji u induttivi kontra tagħha. Infatti, bħala prova......;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta kkontrobattiet il-prova indizjanti......;

Illi kif jista' jidher ċar, il-kwistjoni tinvolvi punt ta' kredibbilità u valjazzjoni tal-provi dwar il-prova indizjanti u dawk li jikkompletawha;

*Omissis*;

Illi di fronti għal dawn il-provi, u in forza tar-riflessjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tasal ħlief għall-konklużjoni li l-konvenuta ħadet il-flus li nstabu neqsin mill-instanti mill-kexxun tal-flus imsemmi;

Ikkunsidrat;

Illi jibqa' għal din il-Qorti, fuq dan il-punt, tiddetermina kemm setgħet il-konvenuta asportat f'"numerata paecunia" mill-kexxun imsemmi;

*Omissis*;

Illi għalhekk l-ammont jiġi diskrezzjonalment fissat mill-Qorti għal £40;

Illi għal dan id-debitu tal-konvenuta hija responsabbli anki l-komunjoni tal-akkwisti; l-għaliex l-istess komunjoni hija tenuta għad-debiti mobiljari li kull wieħed mil-konjuġi jkollu qabel iż-żwieġ, kif isostni Pothier fit-Trattat tiegħu tal-Komunjoni, Parti I, Kap. II. Sezzjoni II, para. 233 u ta' wara pag. 913 u 914, taħt it-Titolu "Dei Debiti dei Coniugi" (Ediz. Livorno, Fratelli Vignozzi e Nipote, 1841), fuq il-prinċipju li "chi sposa la donna sposa i debiti"; salv fil-likwidazzjoni bejniethom regolament skond il-liġi;

Ikkunsidrat;

Illi wara li l-Qorti ddisponiet minn din il-kwistjoni, l-istess sejra tgħaddi biex teżamina l-kwistjoni legali sottomessa, b'dan li minnufih tiddikjara li l-oġġett taħt in-numru 17 tad-dokument "A"......;

Ikkunsidrat;

Illi l-vinkoli li jorbtu l-ġenituri ma' wliedhom jimpurtaw il-prestazzjoni ta' dawk il-prinċipji u uffiċċji ta' umanità li l-liġijiet ċivili in ġenerali biddlu, jew aħjar imprimew fuqhom obligazzjoni perfetta. Huwa għalhekk li jingħad

unanimement mill-kulturi tax-xjenza ċivili li l-alimenti (u din il-kelma għandha tiġi ntiża fis-sens ġuridiku skond l-art. 28 Kap. 23, u mhux volgari biss) huma dovuti mhux biss b'dispożizzjoni tal-liġi pożittiva, imma anki mid-dritt tan-natura. Il-liġi ċivili tagħna tafferma dan il-prinċipju fl-art. 14 u taċċentwah fl-art. 19 tal-istess Kodiċi, fejn huwa stabbilit l-ordni li fih jitqiegħedu l-persuni taħt dmir ta' manteniment. Fl-art. 24 tal-Kodiċi Ċivili, fl-ewwel paragrafu, huwa kontemplat il-każ meta jintalbu lura l-alimenti (li ma jagħmlux għall-każ odjern), u fil-paragrafu 2 jingħad espressament li b'ebda każ ieħor (barra minn dak tal-art. 23 paragrafu 1), jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, ma jintalab ir-radd tal-ħlas ta' alimenti mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili; u fl-art. 29(1) tal-istess Kodiċi jingħad li min ikun ta l-manteniment ma għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obligat għall-manteniment. Fl-art, 965 tal-Kodiċi Ċivili, taħt il-Kapitolu tal-Kollazzjonijiet u Imputazzjonijiet, dan il-prinċipju huwa ribadit; l-għaliex hemm stabbilit illi l-ispejjeż ta' manteniment, ta' edukazzjoni, ta' tagħlim, eċċ., u rigali li huwa użu li jingħataw, mhumiex suġġetti għall-kollazzjoni;

Illi, stabbilit dan li fuq ġie affermat, jingħad ukoll illi, sakemm it-tfal jibqgħu fil-ħodon tal-familja, anki jekk ikunu saru maġġorenni, u ma jkunux jaħdmu, u l-missier jgħoġbu jmantnihom fis-sens li trid il-liġi, "stricto jure", kwalunkwe ħaġa li huwa jagħtihom taħt dan ir-rigward ma tistax tintradd minnhom ammenokkè, fil-każ tat-tfal maġġorenni, ma jsirx xi patt appożitu. Infatti, il-missier tal-familja mal-maġġoretà tat-tfal jista' jobliga l-istess tfal joħorġu mid-dar; u għalkemm fil-ħajja ordinarja tal-familji dan ordinarjament ma jsirx f'dawn il-Gżejjer, taw każi fejn fil-fatt il-missier eżerċita dan id-dritt tiegħu anki di fronti u fir-relazzjoni għall-bniet, u l-istess dritt ġie rikonoxxut minn dawn il-Qrati (ara P.A. Ċivili 17 ta' Settembru 1942 in re "Costantino Micallef vs. Giuseppa Micallef", Vol. XXXI, P. II, paġina 74 u ta' wara). Dak li, mbgħad, il-missier tal-familja jagħti lit-tfal li jkunu għadhom ma rraġungewx l-età maġġjuri, huwa radikat fl-obligu imprexxindibbli maħsub fl-art. 14 tal-Kodiċi; li ma huwiex libera-

lità; l-għaliex din hija inkonċiljabbli mal-obligu legali talalimenti radikat fid-dritt naturali; u, kif jingħad skond iddottrina ta' Papiniano fil-Liġi 29 fil-bidu, de Donat. "Donari videtur quod nullo jure cogente conceditur"; fejn hemm obligu legali ma jistax jingħad li hemm donazzjoni. Dan l-obligu jestendi ruħu għat-tfal maġġjorenni li jibqgħu fid-dar bil-kunsens patern u meta ma jkunux jaħdmu, ammenokkè ma jkunx hemm xi patt "in contrario". Jekk mbgħad it-tfal maġġjorenni jkunu jaħdmu għal rashom, imma jabitaw fid-dar paterna, u l-missier jibqa' jmantnihom minn flusu bla ebda patt, dawk l-alimenti jsiru vera u proprja liberalità magħmula mill-missier u aċċettata minn dawk it-tfal, u l-istess ma jistgħux jintraddu lura f'nuqqas ta' patt;

Illi minn dan jitnissel, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, li l-ilbies li jkun inxtara bħala obligu li jidħol taħt it-terminu "manteniment" skond l-art. 26 ta' Kodiċi Ċivili, u li skond l-istess Kodiċi l-lanqas huwa kollazzjonabbli, għad-dixxendent dirett minn missieru jew għall-missieru minn mnejn ikun jreġġi d-dar waqt li dan l-aħħar ikun ħallieh jgħix ġewwa daru, ma jistax "stricto jure" jintradd. Del resto, il-liġi naturali tissuffraga din it-teżi, li hija riposta fuq prinċipji ta' umanità;

Illi, fissat dan il-prinċipju legali, din il-Qorti sejra tgħaddi biex titkellem fuq il-ħwejjeġ reklamati millinstanti;

Illi huwa minnu, jiġi premess, li l-konvenuta ħarġet mid-dar paterna biex tiżżewweġ kontra l-volontà tiegħu, liema volontà, jekk hijiex ġusta l-kawża tal-oppożizzjoni jew le mhux meritu, se maj, ta' din il-kawża; u huwa wkoll minnu li, skond ma ntqal paċifikament fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, li l-attur b'att ġudizzjarju nnotifika l-konvenutí u ġieb a konjizzjoni tagħhom din l-oppożizzjoni tiegħu skond l-art. 34(2) tal-Kodiċi Ċivili għall-finijiet hemm espressi; imma din il-proċedura, jekk qatt isseħħ, tista' tiswa għall-quddiem, u mhux ġa għall-imgħoddi; u kwindi ma tnissel magħha ebda konsegwenza legali għall-ħwejjeġ in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, in applikazzjoni għall-prinċipji fuq esposti, l-instanti, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, ma jistax jitlob li jintraddu l-oġġetti ndikati fid-dokument "A" (fol. 4 tal-proċess) taħt in numri, 1. 2, . . . . ; liema oġġetti kienu ġew mixtrija u l-ilbiesi meħjuta għad-daqs tal-konvenuta, li hija biss kienet tuża d-dar;

*Omissis;*

Illi dwar l-oġġetti mdaħħla taħt in-numri 27, 28, 29 u 30 tad-dokument fuq imsemmi, il-konvenuta tammetti li ġew mixtrija bi flus ta' missierha, u tgħid li kienet tagħmel użu minnhom għall-abbiljament tal-persuna tagħha. Hija ma tgħidx li ġew regalati lilha f'xi festa jew għeluq ta' sninha, jew il-ġurnata tal-qaddis tagħha. Dawn l-affarijiet ma jidħlux fl-obligu tal-missier, u ma humiex kompriżi fit-terminu legali "manteniment". Huwa minnu li l-familji li jkunu finanzjarjament komodi, kif jirriżulta li hija dik tal-attur, jakkwistaw oġġetti ta' metall prezzjus għall-abbelliment tal-persuna ta' wliedhom il-bniet, li jiġu wżati in komun bejn it-tfal kollha meta jkun hemm aktar minn waħda fl-istess ċirkolu familjari, u mbgħad, meta xi waħda tiġi biex tiżżewweġ, jagħtuha xi wħud minn dawk l-istess oġġetti bħala dota; jew, kif isir fil-kampanja, kull xebba mill-kaxxa komuni tal-gwadanji (l-għaliex it-tfal kollha fil-kampanja jaħdmu għall-kap tad-dar normalment retta mill-missier, u l-omm tixtri l-oġġetti tad-deheb li hija partikolarment tuża fi ġbubitha — normalment dawn l-oġġetti jkunu barbazzal, ċjappetta, labra, par imsielet, u xi ċrieket, u mbgħad, meta jiġu biex jiżżewġu, b'intiża espressa jew taċita minn qabel, japportawhom "in dote"); imma milli jidher ma sarx hekk dwar dawn l-oġġetti in kawża. Infatti, l-omm kienet tixtri xi ħajta deheb għall-abbelliment tal-persuna tal-konvenuta; din kienet tuża dawk l-oġġetti, u ġie li wżathom anki ommha; u mħabba l-fatt li l-aktar li kienet tużahom kienet il-konvenuta, din tippretendi li huma tagħha. L-uniku titolu li taħtu l-konvenuta tista' tippretendi l-proprjetà tagħhom, skond il-provi, hija d-donazzjoni;

imma din il-Qorti *mhix soddisfatta* li din il-liberalità saret mill-attur jew minn martu bil-kunsens taċitu tiegħu bħala mandatarja; anzi tħoss li ma saretx ebda donazzjoni. Li saret din il-liberalità, del resto, kien dmir il-konvenuta tippruvaha; u hi mhux biss ma ppruvathiex, imma minn kliemha stess jidher li dawk l-oġġetti tad-deheb kienu biss iservu għall-użu tagħha — dak li jeskludi l-ħsieb konnaturali u ntrinseku ta' xi liberalità;

Illi kwindi dawn l-oġġetti għandhom jiġu restitwiti lill-instanti;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi;

Prevja l-korrezzjoni tal-att taċ-ċitazzjoni fis-sens li wara l-kunjom tal-konvenut jiġu aġġunti l-kliem "bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti", taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi in kwantu għar-ritorn tal-flus li l-attur sab neqsin mil-l-kexxun tal-flus, liema somma għar-raġunijiet li fuq iatqalu din il-Qorti, fil-poter diskrezzjonali tagħha, tiffissa għas-somma ta' £40, kif ukoll għar-ritorn tal-oġġetti mdaħħla taħt in-numru 26, 27, 28, 29 u 30 tad-dokument "A" (*fol.* 4 *tal-proċess*), u tordna lill-konvenuti jikkunsinnawhom lura lill-attur fiż-żmien ta' sebgħa tijiem lavorattivi, u fin-nuqqas li l-konvenuti hekk jagħmlu, tikkundannahom iħallsu lill-attur . . . . . ; u dan wara li tordna lill-konvenuti jippreżentawhom, wara li jgħaddi ż-żmien prefiss, lill-istimatur taħt il-komminazzjonijiet legali tad-disprezz tal-awtorità tal-Qorti, u għall-każ li ma jiġix interpost appell minn din is-sentenza; u tiċħad it-talba attriċi in kwantu għall-oġġetti l-oħra;

L-ispejjeż, in kwantu għar-restituzzjoni tal-flus, jibqgħu għall-konvenuti; in kwantu għar-restituzzjoni tal-ħwejjeġ parti waħda minn tletin għall-konvenuti, u disgħa u għoxrin minn tletin parti għall-attur; u dawk dwar l-oġġetti ta' metall prezzjus jew il-valur tagħhom, jibqgħu għall-konvenuti.